# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Ġurisdizzjoni Superjuri
# Sezzjoni Ġenerali

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 47/2016 SG**

**Louis u Eucharistica konjuġi Refalo**

**vs**

**John u Jeanette konjuġi Grima**

**Illum il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Louis u Eucharistica konjuġi Refalo ppreżentat fit-30 ta' Ġunju 2016 fejn ġie premess:

1. *Illi permezz ta' skrittura ffirmata quddiem in-Nutar Dottor Josianne Mifsud fl-erbatax (14) ta' Settembru elfejn u ħamsa (2005) l-intimati rrikonoxxew li huma debituri tas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm25,500), illum ekwivalenti għal disgħa u ħamsin elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro u żewġ Euro ċenteżmi (€59,399.02ċ) li kienet lilhom mislufa, hekk kif jirriżulta mill-iskrittura mill-intimati hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

2. *Illi l-partijiet permezz ta' l-iskrittura privata hawn fuq riferita ftehmu li l-konvenuti għandhom jħallsu s-somma mislufa lura lill-atturi fi żmien ħames snin mid-data ta' dik l-iskrittura;*

*3. Illi f'każ li l-ammont jintradd lura entru l-perijodu stabbilit ta' ħames snin, linteressi ma kienux ikunu applikabbli;*

*4. L-atturi kienu qablu li jsellfu lill-konvenuti din is-somma press li l-konvenuta Jeanette Grima hija bint l-atturi;*

*5. Illi minkejja t-trapass taż-żmien il-konvenuti baqgħu ma rritornawx is-somma lilhom mislufa;*

*6. Illi matul dan iż-żmien ir-relazzjoni bejn il-kontendenti sfortunatament marret għall-agħar;*

*7. Illi f'laqgħa miżmuma fl-uffiċċju ta' l-Avukat Dr. Deborah Merciec, wara April 2015, li fiha kien hemm preżenti kemm l-atturi u kif ukoll il-konvenuti u lAvukat Dr. Carmelo Galea u l-Avukat Dr. Deborah Mercieca, il-konvenuti ammettew li huma debituri tal-atturi għalkemm kien inqala' disgwid jekk u kif għandu jsir il-pagament tas-somma mislufa;*

*8. Illi minkejja dan din l-ammissjoni da parti tal-atturi, u minkejja wkoll diversi interpellazzjonijiet magħmula kemm b'ittra bonarja datata sittax (16) ta' Frar elfejn u sittax (2016) u kemm b'ittra uffiċċjali numru 250/2016 tat-tnejn (2) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016), dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-konvenuti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti huma debituri ta' l-atturi għas-somma ta' disgħa u ħamsin elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro u żewġ Euro ċenteżmi (€59,399.02ċ) rappreżentanti self brevi manu;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi is-somma ta' disgħa u ħamsin elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro u żewġ Euro ċenteżmi (€59,399.02ċ) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati u l-imgħaxijiet kontra listess konvenuti mid-data ta' meta sar dovut il-pagament lura tas-somma mislufa sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-tnejn (2) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016) li minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' John u Jeannette konjuġi Grima ippreżentata fid-29 ta' Awwissu 2016 fejn ġie eċċepiet:

*1. Illi fl-ewwel lok in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezjoni, it-talba attriċi għall-ħlas tal-imgħax hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponenti qed jikkontestaw bil-qawwa kollha l-premessi u t-talbiet kollha tal-attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt jekk ikun il-każ*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat is-sentenza in parte mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2017 fejn ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat li sar appell minn tali sentenza iżda dan l-appell ġie ċedut.

Rat id-digriet tal-21 ta' Mejju 2019 fejn ġie maħtur l-espert kalligrafiku Joseph Mallia sabiex jirrelata dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti lill-atturi qed jibbażaw it-talba tagħhom fuqu.

Rat ir-rapport tal-espert kalligrafiku Joseph Mallia ppreżentat fis-17 ta' Novembru 2020 u debitament ikkonfermat bil-ġurament.

Rat li l-espert kalligrafiku ġie eskuss u rrisponda bil-miktub kif ukoll viva voce għad-domandi magħmula.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet il-provi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

**Eucharista Refalo** xehdet permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn spjegat li hi flimkien ma' żewġha Louis Refalo kienu selfu lit-tifla tagħhom Jeanette Grima is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm25,500) fis-sena 2000, biex tixtri post flimkien ma' żewġha John Grima, liema self ġie redatt fi skrittura privata quddiem in-Nutar Josianne Mifsud. Ir-rikorrenti xehdet li hi kienet għaddiet ukoll għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) lil Jeanette imma dawk il-flus ma kienux bħala self. Kompliet tgħid li fis-sena 2005, x'ħin kienu ser jgħaddu l-ħames snin, saret skrittura oħra quddiem in-Nutar Josianne Mifsud, fejn Jeanette u John Grima ikkostitwixxew ruħhom bħala veri, ċerti u likwidi debituri tas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm25,500) a favur ta' Eucharista u Louis Refalo, liema somma kellha tiġi mħallsa lura f'perjodu ta' ħames snin mingħajr interessi.

Spjegat li matul iż-żmien, ir-relazzjoni tagħha ma' bintha marret għall-agħar. Qalet li kif għaddew il-ħames snin hi marret għand l-avukat tagħha Dr. Carmelo Galea biex tara kif ser tieħu flusha lura u permezz ta' ittra bl-avukat, il-partijiet kollha flimkien mal-avukati Dr.

Carmelo Galea u Dr. Deborah Merċieċa kienu ltaqgħu fl-uffiċju ta' Dr. Deborah Merċieċa fejn Jeanette Grima ammettiet li kienet issellfet il-flus mingħand ommha iżda fejn l-istess Jeanette qalet li dak is-self kien inħafer. Hi spjegat li ma qablitx ma' dan u oġġezzjonat. Ftit jiem wara Eucharista Refalo marret għand l-avukat Dr. Carmelo Galea fejn kien qalilha li bintha kienet ser tagħmel xi operazzjoni u kien ikun aħjar li kieku tkellimha, iżda Eucharista Refalo tenniet li kull darba li ppruvat iċċempel lil bintha, t-telefonata kienet tiġi trasferita għal fuq il-mobile tar-raġel ta' bintha. Insistiet li hija għadha ma ngħatatx lura l-flus li kienet selfet lil bintha u li minkejja li fil-laqgħa mizmuma għand Dr. Deborah Merċieċa, l-istess bintha kienet ammettiet li kienet isselfet dawk il-flejjes, bintha u żewġha baqgħu ma raddewx il-flus lura.

Eucharista Refalo xehdet in kontro eżami fl-1 ta' Diċembru 2022 fejn spjegat li bintha Jeanette kienet talbitha flus biex tixtri post flimkien ma' John Grima u ċaħdet li bintha kellha s-*sanction letter* tal-bank dwar xi self fuq il-post. Hija xehdet li Jeanette kellha bżonn ħamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) u li żewġha ma xtaqx isellifha, iżda hi kienet kkonvinċietu sabiex isellfuha. Kompliet tispjega li l-flus li selfet lit-tifla kienu ġew minn bejgħ ta' proprjeta' fl-Awstralja, u li kien ħa ħsieb kollox Dr. Anton Refalo. Hija ċaħdet li hi kienet insistiet ma' bintha biex ma tieħux *loan* mil-bank u ċaħdet ukoll li kienet selfet dawk il-flus lil bintha biex ma titlifx pensjoni tal-Awstralja. Eucharista Refalo tenniet tgħid li ma tafx jekk bintha kienetx marret tiċċekja ma' xi bank dwar *loan*, iżda taf li bintha Jeanette ma kienetx ħadet *loan* mil-bank biex tixtri l-post. Hija xehdet li meta selfu l-flus huma kienu għamlu skrittura quddiem in-Nutar Josianne Mifsud, u kienu marru darbtejn: l-ewwel darba li marru kienu dwar self ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm25,500), u t-tieni darba kienu marru għax in-Nutara kienet qaltilhom li kif jgħaddu ħames snin kellhom jerġgħu jagħmlu kuntratt ieħor, però ma kienetx taf ir-raġuni għalfejn kellha tagħmel kuntratt wara ħames snin iżda għamlitu fuq parir tan-Nutara. Xehdet li quddiem in-Nutar Pisani kien sar l-kuntratt ta' xiri ta' post f'isem it-tifla Jeanette u John, u dakinhar kien hemm preżenti hi wkoll, proprju sabiex iselfu l-flus, liema flus għaddew direttament għand il-bejjiegħa. Kompliet tgħid li għandha biss kopja tat-tieni skrittura. Spjegat li ma għandhiex kopja tal-iskrittura tal-2000 u ċaħdet li dik l-iskrittura tal-2000 kienu qattgħuha bi ftehim mat-tifla biex jinħafer dak is-self. Hija saħqet li dejjem talbet il-flus lil Jeanette iżda din qatt ma ħalsitha lura. Qalet li ilha ma titkellem mat-tifla minn qabel ma' bdiet il-kawża minħabba kwistjonijiet oħrajn familjari. Temmet tgħid li fis-sena 2016 kienu ltaqgħu għand Dr. Deborah Merċieċa, fejn kien hemm ukoll Dr. Galea u Jeanette u John, iżda dakinhar hija ma kienetx qablet ma xi kliem li kien qal John Grima u għalhekk telqet il'barra.

Ix-xhud kompliet tixhed fil-11 ta' Jannar 2023 fejn spjegat li fittxet l-iskrittura u ma sabithiex, però ċaħdet li tali skrittura kienet tqattgħet bi ftehim ma' bintha Jeanette.
**Louis Refalo** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn qal li hu flimkien ma' martu kienu selfu s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm25,500) lil binthom Jeanette biex tixtri post. Stqarr li għall-bidu ma kienx kuntent li ser isellef il-flus iżda peress li kienu għal bintu kien aċċetta. Kompla jgħid li kienet saret skrittura għand in-Nutar Dr. Josianne Mifsud fejn kienet issemmiet is-somma ta' Lm25,500 biss peress li huma kienu wkoll għaddew lil binthom għaxart elef lira Maltin oħra. Spjega li dawn il-flus kienu ġew ottenuti minnu u minn martu mill-bejgħ ta' post li kellhom ġewwa l-Awstralja. Ix-xhud xehed li fl-14 ta' Settembru 2005, kienu reġgħu marru għand in-Nutar Dr. Josianne Mifsud fejn saret skrittura li permezz tagħha l-konvenuti kkostitwixxew ruħhom bħala veri, ċerti u likwidi debituri tas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin a favur ta' tiegħu u ta'

martu. Qal li sar qbil li l-konvenuti kellhom iroddu din is-somma lura f'perjodu ta' ħames snin mingħajr interessi. Spjega li sussegwentement, Jeanette u John Grima ma baqgħux jittrattawhom l-istess u llum il-ġurnata, saħansitra ma jitkellmux. Temm l-affidavit tiegħu billi qal li hu kien ħalla kollox f'idejn martu biex tipproċedi bl-avukat. Insista li l-flus qatt ma ngħataw lura lilhom u għalhekk saret din il-kawża.

Kompla jixhed in kontro eżami nhar il-11 ta' Jannar 2023 fejn spjega li ntavola l-kawża peress li ried li bintu tagħti lura l-flus li hu kien sellifha madwar għaxar snin qabel, liema flus kienu ġew mislufa biex bintha tixtri post u liema flus kienu ġew minn bejgħ ta' proprjeta' fl-Awstralja. Kompla jgħid li madwar ġimgħa wara kienu marru għand in-Nutar Dr. Josianne Mifsud biex jagħmlu kuntratt mat-tifla dwar dan is-self u kellha tibda tħallas il-flus lura ftit ftit, iżda dan qatt ma seħħ. Spjega li wara li għaddew ħames snin kienu għamlu kuntratt ieħor għand l-istess Nutar Dr. Josianne Mifsud dwar dan is-self. Xehed li staqsa lil bintu biex tibda tħallas iżda hi kienet tgħidlu li mhux ser tħallas u għalhekk intavola kawża, biex jieħu flusu lura. Tenna jgħid li ma jafx għalfejn għamlu t-tieni kuntratt għand in-Nutar, liema skrittura ġiet miktuba minn Jeanette Grima u żied jgħid li ma kienx kuntent li qed issellef il-flus minħabba l-biża' li ma jieħux flusu lura. Sostna li madanakollu hu u martu ġiethom ħniena minn binthom u sellfuha bil-patt li jitħallsu lura. Mistoqsi fuq is-self ta' bintu, qal li ma jafx li bintu kienet marret biex tissellef flus mil-bank u ma jafx jekk kienx fuq insistenza tagħhom li binthom ma ħaditx *loan* mil-bank. Huwa ċaħad li dan is-self kien inħafer xi darba u temm ix-xhieda tiegħu billi kkonferma l-firem tiegħu u tal-mara fuq skrittura *fol 4*, pero' żied jgħid li ma jafx il-kontenut peress li ma jafx jaqra.

Xehed **John Grima** permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn spjega li fis-sena 2000 kienu sselfu xi flus mingħand Eucharista u Louis Refalo biex hu flimkien ma' martu Jeanette jixtru post. Qal li huma kienu lesti jissellfu mil-bank iżda kienu sselfu mingħand il-ġenituri tal-mara proprju fuq insistenza ta' omm il-mara. Kompla jgħid li fis-sena 2005 huma kien marru l-bank biex jieħdu *loan* ħalli jħallsu proprju dan is-self, iżda l-ġenituri tal-mara ma riedux il-flus. Ix-xhud ċaħad ukoll li fis-sena 2005 kienet saret skrittura oħra quddiem Nutar u ħalef li fis-sena 2008 Eucharista u Louis Refalo kienu ħafru s-self tal-flus lil binthom fejn l-iskrittura tas-sena 2000 ġiet distrutta bi qbil bejn iż-żewġ partijiet quddiem in-Nutar Pisani bl-intendiment li s-self jiġi maħfur.

Żied jgħid li d-diżgwid kien inqala' fis-sena 2012, sforz tan-natura tax-xogħol tiegħu bħala kuntistabbli tal-pulizija, stante li kien involut f'xi każijiet li jikkonċernaw lit-tifel ta' Eucharista u Louis Refalo. Qal li fl-14 ta' Marzu 2013, Eucharistica Refalo kienet ċemplet lil martu u ordnatilha biex flimkien miegħu tmur tiffirma xi karta iżda martu kienet irrifjutat. Spjega li Eucharista Refalo bdiet iċċempel kontinwament lil Jeanette Grima u b'hekk kienet tikkawża ħafna nkwiet u saħansitra l-istess Jeanette kienet ittieħdet l-isptar. Kompla jgħid li Eucharista Refalo kienet anke għamlet rapport falz fuq vjolenza domestika minn John Grima fuq Jeanette Grima. Huwa spjega li kienet saret laqgħa fid-29 ta' Awissu 2014 quddiem Dr. Carmelo Galea u Dr. Deborah Merċieċa u baqa' jinsisti li l-iskrittura tas-sena 2005 qatt ma kienet ġiet iffirmata minnu u minn martu. Spjega li din il-kawża nfetħet abbażi tal-iskrittura tal-2005 iżda din qatt ma ġiet iffirmata minnhom. Qal li l-flus li ħadu kienu fis-sena 2000 u s-self kien ġie maħfur qabel l-2008.

In kontro eżami fl-4 ta' Mejju 2023, l-konvenut kkonferma li omm u missier il-mara tiegħu selfuhom ħamsa u għoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) fl-2000. Ikkonferma li dawn il-flus qatt

ma tħallsu lura. Huwa qatt ma ra l-iskrittura tal-2005. Fis-sena 2005 huma kienu riedu jħallsu lura l-flus mislufa, iżda omm il-mara ma kienetx ridithom. Qal ukoll li kien fis-sena 2008 omm il-mara ħafret il-flus u kienu qattgħu l-oriġinal tal-iskrittura tal-2000.

**Jeanette Grima** xehdet permezz tal-proċedura tal-affidavit u permezz tiegħu hija ikkonfermat li fuq insistenza ta' ommha Eucharista Refalo, hi u żewġha John Grima kienu sselfu xi flus mingħand Eucharista Refalo, flok mill-bank, biex jixtru proprjeta'. Jeanette Grima ċaħdet li kienet saret skrittura fl-2005 u qalet li fis-sena 2008 ommha kienet ħafritilha s-self filwaqt li kienu qattgħu l-iskrittura oriġinali li saret quddiem in-Nutar Pisani. Żiedet tgħid li tant huwa hekk illi ftit wara ommha kien spjegatilha li s-self kien ser ikun parti mill-wirt li għandu jmiss lilha u fil-fatt kienet urietha kopja tat-testment li sar f' Jannar 2009. Xehdet li l-affarijiet ħadu żvolta oħra minħabba x-xogħol ta' żewġha li kien involut f'xi każ fejn kien involut ħuha Michael Refalo.

Il-konvenuta spjegat li fl-14 ta' Marzu 2013, Eucharista kienet ċemplitilha biex tmur tiffirma xi karta iżda hija rrifjutat. Kompliet tgħid li ommha kienet bdiet iċċemplilha spiss u tgħidilha wkoll biex titlaq lir-raġel. Xehdet li ommha kienet taqlalha ħafna inkwiet kbir li saħansitra spiċċat l-isptar u kienet anke iċċempel lid-*depot* tal-pulizija biex tħammeġ ir-reputazzjoni ta' żewġha John Grima. Spjegat li saret laqgħa fil-preżenza tal-avukati Dr. Carmelo Galea u Dr. Deborah Merċieca fejn fiha Eucharista kienet ħarġet mil-laqgħa wara li hi u John Grima qalu li huma qatt ma ffirmaw skritturi fl-2005. Temmet l-affidavit tagħha fejn qalet li kemm hi kif ukoll żewġha qatt ma ffirmaw xejn quddiem in-Nutar Dr. Josianne Mifsud.

Kompliet tixhed in kontro eżami nhar l-4 ta' Mejju 2023 fejn spjegat li fl-2000, ommha u missierha kienu sellfuha ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltija u qatt ma tathom dawn il-flus lura. Sostniet li peress li tqattgħet il-karta ta' bejniethom, dan is-self inħafer. Insistiet li hekk sar il-ftehim u għalhekk qed tippretendi li ommha u missierha kienu tawha donazzjoni ta' Lm 25,000. In rieżami, hija sostniet li l-karta tqattgħet fil-preżenza tagħha, ta' ommha u ta' żewġha. Insistiet li l-oriġinal tqattgħet, ma ħallset xejn mill-ammont dovut għaliex dan is-self kien inħafer tant u hekk li il-kopja tal-kuntratt li kellha hi kif ukoll ommha kienu tqattgħu fil-preżenza ta' ommha, żewġha u tagħha stess. Qalet li n-Nutar Pisani kellu ukoll kopja oriġinali ta' dan id-dokument għaliex dakinhar li kienu għamlu l-kuntratt kienu iffirmaw tliet kopji, u żammew waħda omm Jeanette, waħda Jeanette u waħda n-Nutar.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti fliet l-vera kopja tal-iskrittura privata datata 18 ta' Settembru 2000 li tgħid is-segwenti:

> *Bil-prezenti id-debituri qed jikkostitwixxu ruhhom veri certi u likwidi debituri versi u favur tal-krudituri fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) liema somma d-debituri jobligaw ruhhom li jhallsuha lura lill-krudituri sa zmien hames snin mil-lum bla interessi.*

Din il-vera kopja nħarġet min-Nutar Paul George Pisani fis-26 ta' Frar 2001.

Minn qari ta' din l-iskrittura, jirriżulta li fit-18 ta' Settembru 2000 il-partijiet daħlu fi ftehim bil-miktub li permezz tiegħu il-konvenut ikkostitwixxew ruħhom bħala debituri versu l-

kredituri għas-somma ta' Lm25,000. Il-kundizzjonijiet maqbula fuq l-imsemmija skrittura kienu s-segwenti li ma jiddekorrux l-ebda interessi salv li din is-somma tiġi restitwita f' perijodu ta' ħames (5) snin.

Rat ukoll l-iskrittura datata 14 ta' Settembru 2005 li tgħid is-segwenti:

> *Bil-preżenti id-debituri qed jikkostitwixxu ruħhom veri certi u likwidi debituri versi u favur tal-kredituri fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mija liri Maltin (25,500) liema soma d-debituri jobligaw ruħhom li jħallsuha lura fiż-żmien ħames snin mil-lum bla interessi.*

Minn din l-iskrittura jirriżulta li fl-14 ta' Settembru 2005 il-partijiet ffirmaw skrittura oħra li permezz tagħha il-konvenut ikkostitwixxew ruħhom bħala debituri versi l-kredituri għas-somma ta' Lm25,500 bil-kundizzjoni li ma jiddekorrux l-ebda interessi salv li din is-somma tiġi restitwita f'perijodu ta' ħames (5) snin.

Mill-provi, irriżulta li hemm qbil li fl-2000 ġiet mislufa somma flus lill-intimati mir-rikorrenti. Ma hemmx kontestazzjoni li verament sar dan is-self. Lanqas ma hemm kontestazzjoni li l-ebda parti mill-ammont misluf ma ġiet imħallsa lura lir-rikorrenti mill-intimati.

Da parti tagħhom, il-konvenuti qed jallegaw li fl-ewwel lok, qatt ma ffirmaw l-iskrittura ta' l-14 ta' Settembru 2005 u li fl-2008, is-self li kienu ngħataw fl-2000 ġie maħfur mir-rikorrenti billi tqattgħet l-iskrittura li saret bejniethom fl-2000.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel argument imressaq mill-konvenuti u ċioe' li huma qatt ma ffirmaw l-iskrittura tal-14 ta' Settembru 2005, din il-Qorti sejra tistrieħ fuq ir-rapport tal-espert kalligrafiku li ġie nkarigat. Il-konstatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet ta' natura teknika li jsiru minn perit maħtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti għall-ġudikant biex ikun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novmebru 2001 fil-kawża "Calleja vs Mifsud", il-Qorti tal-Appell irriteniet li:

> *"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero' huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta' l-apell illi l-mertu tal-preżenti istanża kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciż mill-Qorti mingħajr l-assistenża ta' espert in materja. B' danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b' lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kweżit ta' natura teknika."*

In linea ta' prinċipju, għalkemm Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt, dak ma jfissirx li

> "*qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben infurmata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."("*Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)
>
> Għalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzzjoni ta' tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-kovinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" ("Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 u "Saliba vs Farrugia " – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bħala fatt illi wara li l-espert ħalef ir-rapport tiegħu, ġiet ippreżentata nota għall-periti addizzjonali, iżda imbagħad din it-talba ġiet rinunzjata.

> F' "Bugeja et vs Muscat et" (Qorti tal-Appell – 23 ta' Ġunju 1967), intqal li l-"*giudizio dell' arte express mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"

Issa fir-rapport tiegħu, l-espert maħtur ikkonkluda s-segwenti :

> *Illi wara li saru l-ezamijiet kaligrafici komparattivi rikjesti bejn il-firma allegatament tal-konjugi John u Jeanette Grima, l-firma tal-konjugi Louis u Eucharistica Refalo, l-firma u l-kaligrafija kif ukoll it-timbru tan-nutar Dr. Josianne Mifsud LL.D. li jinsabu miktubin u stampati fuq skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), mal-kampjuni tal-firma u t-timbru tal-istess persuni fuq imsemmija, l-esponent jikkonkludi dan li gej :*
>
> *1. Jirrizulta illi ma' tidher ebda ktiba mohbija jew marki ohra (indent writing) ghajr ghall-kaligrafija, l-firem u timbru li jinsabu miktubin fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), taht ezami.*
>
> *2. Illi gew identifikati diversi punti karatteristici kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kors tal-kitba tal-firma li taqara « John B. Grima » kif miktuba fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), hekk kif l-istess punti karatteristici gew ikkomparati mal-kors tal-kitba tal-firma tas-sur John Baptist Hector Charles Grima, detentur tal-karta tal-identita numru 0295893(M).*
>
> *3. Illi gew identifikati diversi punti karatteristici kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kors tal-kitba tal-firma li taqara « Jeanette Grima » kif miktuba fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), hekk kif l-istess punti*

*karatteristici gew ikkomparati mal-kors tal-kitba tal-firma tas-sinjura Jeanette Grima, detentrici tal-karta tal-identita numru 0011482(G).*

*4. Illi gew identifikati diversi punti karatteristici kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kors tal-kitba tal-firma li taqara « Eucharistica Refalo» kif miktuba fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hams (2005), hekk kif l-istess punti karatteristici gew ikkomparati mal-kors tal-kitba tal-firma tas-sinjura Eucharistica Refalo, detentrici tal-karta tal-identita numru 0062153(G).*

*5. Illi gew identifikati diversi punti karatteristici kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kors tal-kitba tal-firma li taqara « Louis Refalo» kif miktuba fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hams (2005), hekk kif l-istess punti karatteristici gew ikkomparati mal-kors tal-kitba tal-firma tas-sur Louis Refalo, detentur tal-karta tal-identita numru 0093747(G).*

*6. Illi gew identifikati diversi punti karatteristici kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kors tal-kitba tal-firma li taqara « Josianne Mifsud » u l-kliem « Notary Public – Malta . » kif miktuba fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hams (2005), hekk kif l-istess punti karatteristici gew ikkomparati mal-kors tal-kitba tal-firma tan-nutar Dr. Josianne Mifsud LL.D., detentrici tal-karta tal-identita numru 0027570(G).*

*7. Illi gew identifikati diversi punti kompatibli bejn l-istampa tat-timbru tan-nutar Dr. Josianne Mifsud LL.D. hekk kif ikkomparata mal-istampa tat-timbru li jidher stampat fin-naha ta' isfel (lemin) tal-iskrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hams (2005), taht ezami.*

*8. Tidher hsara fit-tijpi tat-timbru tan-nutar Dr. Josianne Mifsud LL.D. (wear and tear) jekk kif gie stampat, liema hsara ma' tirrizultax fit timbru kif stampat fuq l-skrittura datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005).*

Anke in eskussjoni, l-istess espert kompla jikkonferma l-konklużjonijiet tiegħu. In vista tal-premess din il-Qorti hija tal-fehma li l-istess skrittura ġiet iffirmata mill-partijiet kollha u għalhekk dan l-argument imressaq mill-konvenut huwa wieħed fieragħ bil-konsegwenza li sejjer jiġi skartat.

Dwar it-tieni argument imressaq mill-konvenuti u ċioe' li l-atturi ħafrulhom is-self, din il-Qorti tqis li l-atturi ċaħdu dan bl-ikbar qawwa. Baqa' jiġi nsistiet minnhom anke fil-kontro eżami, li dan id-dejn qatt ma nħafer. L-atturi strieħu fuq l-iskrittura tal-2005 u kif ukoll fl-aħħar stadju ta' din il-kawża, irnexxilhom jirrintraċċaw il-vera kopja tal-iskrittura tal-2000.

Mill-banda l-oħra, il-konvenuti straħu biss fuq it-testimonjanza tagħhom li l-oriġinal tal-iskrittura tal-2000 ġiet imqatta' fl-2008 u b'hekk inħafer is-self. Madanakollu, ma tawx spjegazzjoni kif ġialadarba l-ħames snin mill-2000 kellhom jiddekorru fl-2005, għalfejn din l-iskrittura tal-2000 ma ġietx imqatta' f'dik is-sena li kienu ddekorrew il-ħames snin. Lanqas ma taw spjegazzjoni kif saret l-iskrittura tal-2005, għalkemm kif ġia' ngħadd huma qed isostnu li qatt ma ffirmawha nonostante li jidher ben ċar anke mir-rapport tal-espert maħtur li effettivament din ġiet iffirmatha minnhom. Lanqas ma spjegaw kif jekk kellhom tant

ċertezza li s-self inħafer fl-2008, ma nsistewx li ssir xi skrittura bejniethom li turi li dan l-ammont ma għandhux jiġi ritornat lura u li lanqas ma kienu ddekkorew interessi bejn l-2005 u l-2008 ġialadarba sakemm allegatament inħafer dan is-self kienu laħqu għaddew tlett snin oħra.

Din il-Qorti hija konsapevoli tal-ġurisprudenza nostrana meta Qorti tiġi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti. F'sitwazzjoni simili, din il-Qorti għandha fl-ewwel lok tevalwa dawn il-verżjonijiet fid-dawl tal-prinċipji ntrodotti mill-ġurisprudenza f' ċirkostanzi simili. Fost oħrajn, fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-24 ta' Marzu 2004 intqal dwar il-materja ta' konflitt ta' verżjonijiet ta' provi mogħtija li:

> *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
>
> *1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> *2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
>
> *Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*
>
> *Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak:**

> *"Jinsab ravvisat fiddecizjoni fl-ismijiet "**Farrugia vs Farrugia**", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lil-lohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*
>
> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment.*

*Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "***Farrugia vs Farrugia***", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta Vs Francis Difesa** deċiża fit-28 ta' Mejju 2003 mill-Prim' Awla, reġgħet saret referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**:

Jinsab ravvisat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia – vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966

*"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

Fl-istess sens kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine** deċiża fit-28 ta' April, 2003:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

L-istess insenjamenti jsibu s-sostenn tagħhom fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg**:

*"Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-*

*certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".("***Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino***", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "***Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace***", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo"…..Kif rilevat f'sentenza antecedenti fil-kawza fl-ismijiet "***Dottor Herbert Lenicker -vs- Joseph Camilleri***", Prim'Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawza civili lattur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex ittort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu".*

*Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "***Gemma Cassar Saetta -vs- Imco Distributors Ltd***", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999."*

Din il-Qorti m'hi xejn konvinta mill-verżjoni hekk kif mogħtija mill-konvenuti kif ġia' spjegat supra. Anke l-provi ċirkostanzjali juru li hija l-verżjoni tal-atturi li hija dik li hija korretta u veritiera.

Din il-Qorti ħadet nota tal-argumenti legali mressqa mill-legali tal-partijiet. Hija konsapevoli li obbligazzjoni bħal din in eżami tista' tispiċċa bil-maħfra tad-dejn ai termini tal-Artikolu 1145 (c) tal-Kodiċi Ċivili u li għal tali maħfra ma hija rikjesta l-ebda formalita' partikolari. Iżda kif ġie spjegat minn din il-Qorti, din il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat li din il-maħfra vera saret.

**Ikkunsidrat:**

Dwar imgħaxijiet mitluba mir-rikorrenti mill-14 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv, din il-Qorti għandha s-segwenti osservazzjonijiet x' tosserva.

Tagħmel referenza għal bosta ġurisprudenza li fiha ġie stabbilit li l-imgħax jibda jiddekorri minn meta d-debitur jiġi interpellat biex iħallas. Din il-Qorti tagħmel immedjatament referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet ' **Costantino Abela vs George Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 2005 fejn ġie spjegat li:

*"......Dana qed jinghad in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta' l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu shih jiddisponi hekk:*

*"**1141**. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita. (2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

*Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni relativa ghat-2 talba attrici ma hijiex wahda ta' natura kummercjali u lil dina l-Qorti ma tirrizultalhiex xi ligi li tiddisponi illi ghall-istess obbligazzjoni "l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure";*

*Inoltre, fil-fehma ta' dina l-Qorti, it-2 talba attrici tammonta ghal "sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju"; A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital......sentenza **Aquilina vs Leone Ganado et**. Infatti, filwaqt illi parti minn din ic-citazzjoni taqra hekk:*

*"… biex jghaddu l-imghaxijiet, jenhtieg ukoll illi l-kreditur ikun sejjah lid-debitur biex ihallas dawk l-imghaxijiet permezz ta' talba gudizzjarja ghal daqshekk.";fl-istess sentenza jinghad hekk (Vol. LXVIII.III.18)*

U d-deċiżjoni fl-ismijiet **Iris Dalmas vs Ronnie u Carmen konjuġi German**, fejn il-Qorti tal-Appell ppronunzjat ruħha fis-segwenti mod fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu 2005:

*"Stabbilit il-premess, is-self in ezami ma jirrizultax minn xi volonta` tal-partijiet li kien wiehed gratuwitu izda pjuttost oneruz. Meta hu hekk is-self jassumi karattru ta' kuntratt bi pretensjonijiet korrispettivi. Dan minhabba l-obbligu talmutwatarju li jhallas lill-mutwant, bhala korrispettiv ghallgodiment koncess, l-interessi jew kumpens konvenut. Dan johrog car mid-dispost ta' l-Artikolu 1842 u 1850 (1) tal-Kodici Civili;*

*Issa l-appellanti, kif rifless fil-korp ta' l-appell taghhom jirrikorru ghad-dispost ta' l-Artikoli 1078 u 1849 ta' l-istess Kodici Civili. Dak ta' l-ewwel jirreferi ghaz-zmien ta' lezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ossija tar-restituzzjoni tas-self mentri t-tieni artikolu jahseb ghas-sitwazzjoni fejn ma jkunx miftiehem imghax fuq is-self;*

*Kif gja ntqal is-self hu kuntratt oneruz u allura hemm l-obbligu tar-restituzzjoni. Huwa wkoll kuntratt ghal zmien.Dan iz-zmien jista' jkun miftiehem u jista' wkoll ma jkunx. F' din l-ahhar eventwalita` hu prezunt ex lege, bl-Artikolu 1078 accennat, illi meta z-zmien ikun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jezegwiha, allura f' kaz bhal dan l-obbligazzjoni ghandha tigi esegwita zmien sentejn jekk is-somma mislufa ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax [para (a) tas-suddett artikolu]...A contrariu sensu jfisser illi meta jkun hemm zmien miftiehem tibda d-dekorrenza ta' l-imghaxijiet. F' dan il-kaz l-attrici ressqet rikjesta formali ghar-radd lura tas-somma mislufa permezz ta' att gudizzjarju datat 5 ta' Gunju 2002;*

*Huwa fatt illi waqt li hu kontestat illi l-imghax ma kienx dovut fuq is-self mill-mument meta dan isir sakemm dan ikun il-ligi jew il-ftehim esigibbli, ma jfisserx illi ebda mghax ma kien ser ikun qatt dovut fuq dak l-istess self.*

*Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**).*

Hemm aktar sentenzi f'dan ir-rigward fosthom is-sentenza mogħtjia mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Mario Mallia u Mary Mallia nomine vs Francis Bezzina Wettinger:**

*"L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk lobbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li lobbligazzjoni kellha tigi esegwita." F'kull kaz iehor, limghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

*Is-sentenza ta' l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mil fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata nkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta lammont kellu jigi mhallas lura, u dana f'kaz li lobbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk l-obbligazzjoni ma kienetx ta' natura kummercjali, dan limghax ghal anqas kellu jibda jigi komputat mid-data talpresentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti.*

Kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **Ruth Spiteri vs Emanuel Vella nomine:**

*"Jirrizulta mill-istess att promotur tal-avviz illi l-missiva tat-2 ta' Novembru 1999 ma kienetx wahda ufficcjali izda merament interpellatorja. U kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju".*

*B'aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non u na semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O'Connor –vs- Bruno Olivier**", Vol XVI pI p84).*

Stabbiliti dawn il-punti legali, jirriżulta mill-atti li dan is-self ma kienx wieħed kummerċjali imma self li sar mill-ġenituri lil binthom u lil żewġha. Għalhekk, ai termini tal-ġurisprudenza fuq kwotata, l-imgħax jibda jiddekorri minn dakinhar li ssir s-sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Issa l-ewwel darba li l-atturi nterpellaw lill-konvenuti għall-ħlas ta' dan id-debitu kien permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata minnhom fit-2 ta' Ġunju 2016 (Dok B annessa

mar-rikors ġuramentat promotur). Madanakollu, prova dwar jekk din l-ittra uffiċjali ġietx notifikatha lill-konvenuti ma tirriżultax mill-atti proċesswali.

Għalhekk, fil-każ odjern l-imgħax bir-rata ta' 8% hekk stabbilit skond l-Artikolu 986 (2) tal-Kodiċi Ċivili, għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih il-konvenuti ġew notifikati b'att ġudizzjarju sabiex iħallsu l-ammont dovut, f'dan il-każ mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat promotur lill-konvenuti. (Artikolu 1141 (2) tal-Kap. 16) u ċioe' mill-11 t' Awissu 2016.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti (stante li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġia' ġew deċiżi permezz tas-sentenza in parte mogħtija f' dawn l-atti fl-24 ta' Otturbu 2017), tilqa' t-talbiet atturi u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-atturi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm25,500) ekwivalenti għal disgħa u ħamsin Ewro tlett mija u disgħa u disghin Ewro u żewġ ċenteżmi (€59,399.02ċ) u dana bl-imgħaxijiet kollha legali mill-11 t' Awissu 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjeż kollha inklużi dawk tas-sentenza in parte mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2017 kontra l-konvenuti.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur